

32003R1408

8.8.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 201/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1408/2003**tas-7 ta' Awissu 2003****li jidderoga, għas-sena tas-suq 2003/2004, mir-Regolament (KE) Nru 2316/1999 rigward l-użu ta' l-art imserriha f'ċerti Stati Membri**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jstabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1038/2001⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2316/1999 tat-22 ta' Ottubru 1999 li jstabbilixxi regoli ddetaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 li jstabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1035/2003⁽⁴⁾, jstabbilixxi ċerti kondizzjonijiet li fuqhom jiġu konċessi l-ħlasijiet skond iż-żona għal ċerti prodotti tar-raba maħrut. Skond l-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 2316/1999, iż-żoni mserrħa jridu jibqgħu hekk għal perjodu taż-żmien li jibda l-iktar tard fil-15 ta' Jannar u jispiċċa l-iktar bikri fil-31 ta' Awissu u, għajr fejn ipprovdut xorta oħra, ma jistgħu jintuża għall-produzzjoni agrikola għall-ebda għan ta' qligħ.
- (2) F'dawn l-aħħar xhur ċerti reġjuni fil-Komunità esperjenzaw nifxa kbira, li affettwat b'mod gravi l-provvista tal-għalf aħdar u esponiet lill-bdiewa tal-bhejjem tar-żiezet telf qawwi ta' dħul minħabba li kienu mġiegħla jbigħu il-merħliet tagħhom meta ma kienu disponibbli l-għalf normali tagħhom.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1360/2003 li, għas-sena tas-suq 2003/2004, jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2316/1999 rigward l-użu ta' l-art imserriha f'ċerti reġjuni tal-Komunità⁽⁵⁾ jawtorizza l-użu bil-għan tal-għalf tal-bhejjem ta' l-art iddikjarata mserrħa f'dawn ir-reġjuni. Imma għad darba l-kondizzjonijiet tan-nifxa nfirxu għal reġjuni oħra tal-Komunità huwa mixtieq li jinstabu riżorsi addizzjonali ta' għalf qabel il-ħarifa.

- (4) Għad darba taħt il-konizzjonijiet eċċezzjonali preżenti tat-temp id-disponibbiltà tal-provvista tal-għalf tibqa' imprevedibbli ħafna, għandha tiġi mdaħħla b'urġenza deroga għad mir-Regolament (KE) Nru 2316/1999 li biha l-Istati Membri affettwati jistgħu jippermettu li l-art imserriha mill-uċuh tar-raba maħrut tintuża għall-għanijiet tal-għalf tal-bhejjem qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien tas-serħan skond it-termini u l-kriterji ffixsati minnhom. Madankollu, dawn ir-regoli jridu li ma jippermettux mod effettiv kull utilizzazzjoni ta' din l-art għall-qligħ.
- (5) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Bħala deroga mill-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 2316/1999, l-Istati Membri jistgħu jippermettu, fir-reġjuni tal-Komunità mhux elenkati fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1360/2003, li l-art iddikjarata bħala mserrħa għas-sena tas-suq 2003/2004 tintuża għall-għanijiet tal-għalf tal-bhejjem skond it-termini u l-kriterji ffixsati minnhom.
2. L-Istati Membri interessati għandhom jieħdu l-miżuri kollha sabiex jiżguraw illi l-art imserriha indikata fil-paragrafu 1 ma tintużax għal għanijiet ta' qligħ, u b'mod partikolari li ma tiġi konċessa l-ebda għajnuna għall-produzzjoni tal-għalf niexef skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 603/95⁽⁶⁾ rigward l-uċuh minnha.

Artikolu 2

L-Istati Membri elenkati fl-Anness għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li jadottaw skond dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika b'effett mit-18 ta' Lulju 2003.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 16.

⁽³⁾ ĠU L 280, tat-30.10.1999, p. 43.

⁽⁴⁾ ĠU L 150, tat-18.6.2003, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU L 194, ta' l-1.8.2003, p. 35.

⁽⁶⁾ ĠU L 63, tal-21.3.1995, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Awissu 2003.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX

Il-Belġju
Il-Ġermanja
Spanja
Franza
L-Italja
Il-Lussemburgu
L-Awstrija
Il-Portugall
